# Folklor
## Il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann fostna.

Victor John Galea

Il-Konti Ciantar, fl-1772, jgħidilna li lejlet San Ġwann, hi u ddoqq l-avemarija, il-grammastru, l-isqof u l-granpirjol ta' San Ġwann, flimkien ma żewġ kavallieri grankruċi, fost id-daqq tat-trombi u t-tnabar, kif ukoll tal-qniepen tal-knisja ta' San Ġwann, kienu joħorġu mill-Palazz bl-antorċi f'idejhom u jimxu għal nofs il-Pjazza ta' San Ġorġ, fejn kien ikun hemm ħamest ikrietel mimlija tiben, u wara li kienu jduru tliet darbiet magħhom, jagħtuhom in-nar.

Fl-istess ħin, quddiem l-isptar ta' l-Ordni, il-Belt, li n-nies kienet issibu l-Furmarija, u llum Dar il-Mediterran, kienu jqiegħdu tlitt ikrietel mimlija tiben. Mil-furmarija kienet toħroġ purċissjoni mmexxija mill-gran ospitalier ta' l-Ordni, li kien il-kap tal-Lingwa ta' Franza. Miegħu kien ikollu żewġ kavalieri anzjani, kollha bit-toroċ f' idejhom, u l-kappillani ta' l-isptar mal-pirjol tagħhom.

Din il-purċissjoni kienet ukoll iddur tliet darbiet mal-krietel, bil-kappillani jkantaw innu apposta, qabel ma jkebbsuhom. Jgħid li dan kien isir b'tifkira ta' meta l-majjistru ta' l-Ordni kien iżamm fl-isptar, meta l-Kavalieri kien għadhom Ġerusalemm.

Għawdex, fi żmien l-Ordni, ukoll kienu jqabbdu l-ħġejjeġ lejlet San Ġwann, kemm fil-Belt u kemm fit-torrijiet ta' madwar il-gżira. Nafu li fl-1595, it-teżorier ta' l-universita` kien ħallas, b' ordni tal-ġurati, tmienja rbgħajja, € 0.13, il-prezz ta' kartell li kien xtara minn għand wieħed bil-ħanut jismu Markanu Metallo. Dan kien ibigħilhom ukoll iż-żejt li bih kienu jixgħelu l-fanal tas-sinjali fil-kampnar tal-matriċi ta' Santa Marija, billejl.



Dari, mhux biss il-bakkarjaw kien jiġi fil-krietel, imma wkoll is-sardin immellaħ u t-tonn fis-salmura minn Sqallija, biex ma nsemmix iż-żebbuġ li kien ifittxu kulħadd. Il-fqir b'sardina jew naqra tonn jew sorra, ma erba` żebbuġiet kien iniżżillek ġenb ta' ħobża. In-nar, flok il-grammastru, kien jagħtih il-gvernatur ma' erba` ġurati, il-gvern t' Għawdex fi żmien l-Ordni.

Biss, billi l-qima lejn San Ġwann kienet daħlet minn Sqallija qabel ma ġew il-Kavallieri, wieħed jista` jobsor li min kien daħħal Malta d-devozzjoni, daħħal ukoll id-drawwa tal-ħuġġieġa lejlet San Ġwann. It-tifkira tal-ħuġġieġa kbira li kienu jqabbdu San Ġwann tan-Naxxar, isemmiha Kolin fil-ktieb tiegħu Oasanna, fl-1975.

It-tfal kien ikollha sehem kbir fil-ġbir tal-ħatab għall-ħuġġieġa, kif ukoll l-għors li kien isir madwarha, xħin tieħu n-nar. Magri jsemmi l-qatet taċ-ċiċri, li wara li kienu jindafru magħhom u jekluhom l-imżiewet sal-anqas wieħed, kienu jnixxfuhom u jerfgħuhom kebs għall-ħuġġieġa. Kienu jiġbru wkoll xewk, ħatab niexef minn taħt il-ħarrub u kull għuda li kienu jsibu.

Kilin isemmi wkoll l-għamara msewsa u qadima li kienu jerfgħuha għall-ħuġġieġa. Tant kienu jiddevertu u jirraġġaw mal-ħuġġieġa, li qabel ma jarawh se jisbaħ ma kienux imorru d-dar u jitfgħuha jorqdu ħa tgħaddilhom l-għeja u l-qtugħ ta' laħam.

## Il-ħġejjeġ nhar San Ġwann ta' Qtugħ ir-Ras, ix-Xewkija.

Il-patri Agostinjan Xewki, Serafin Borg, fil-ktieb li ħareġ fl-1978 fuq il-kappillani tax-Xewkija, jgħidilna li snin ilu, ix-Xewkin kienu jaħarqu l-ħuġġieġa fil-pjazza tar-raħal, mhux lejlet San Ġwann, imma lejlet il-festa ta' qtugħ ir-ras tiegħu, nhar it-28 ta' Awwissu.

Hawnhekk nidħlu f'baħar ieħor, għax hawn ir-rabta ta' dawn il-ħġejjeġ m'għandha x'taqsam xejn mas-solstizju tas-sajf. Għalhekk se jkolli ndur għal-Leġġenda Awrea, li kien kiteb l-arċisqof ta' Ġenwa, id-Dumnikan Ġakbu minn Varazze (1228-1298).

Dan semma kif il-Patri Majjistru Ġanni Beleth, kiteb li nhar San Ġwann kienu jaħarqu l-għadam tal-bhejjem biex ir-riħa pessma tiegħu tgerrex id-draguni li kienu jtiru fl-ajru. Dawn kienu jtajru ż-żerriegħa fil-birien u x-xmajjar u jimpestawhom. Żied jgħid li dan il-ħruq ta' l-għadam kien isir biex ifakkar il-ħruq ta' l-għadam ta' San Ġwann, Sebaste, il-Palestina, fejn kienu difnuh.

Jgħidu, li wara li lil San Ġwann kienu qatgħulu rasu fil-fortizza ta' Makawer, in-naħa l-oħra tal-Ġurdan, fuq



ir-riħ ta' Baħar Lott, id-dixxipli tiegħu ħaduh Sebaste u difnuh hemm. Il-qabar fejn kien midfun kien dam bi kwietu sa ma tfaċċa l-Imperatur Ġiljan l-Apotata (361-363), għax hu u għaddej minn hemm qabbadhom jaħarqu l-għadam u jxerrduh fir-raba`. Minn hemm Ġiljan kien baqa` sejjer jitqabad mas-sultan tal-Persja, fejn qatluh, selħuh u b'ġildu għamlu mħadda għal taħt is-sultan ta' dak il-pajjiż, kif tgħid il-Leġġenda Awrea.

Imma l-qabar xorta baqgħu jżuruh il-pellegrini. Sal-Misilmin kienu jqimuh dan il-qabar. Dawn, wara li kienu għelbu lill-kruċjati Qrun Ħattin, fl-1187, bnewlu moskea li llum saret ħerba. Il-Leġġenda Awrea żżid tgħid, li fid-29 ta' Awwissu, mhux biss jitfakkar qtugħ ir-ras ta' San Ġwann, imma wkoll il-ħruq ta' għadmu. Din it-tifkira kienet għażiża għall-awtur għax kien Arċisqof ta' Ġenwa, il-belt fejn kien spiċċa l-fdal ta l-għadam li kien irnexxielhom isalvaw il-monaċi mill-ħuġġieġa, wara ħafna ġiri minn post għal ieħor.

Għalhekk, il-ħuġġieġa li x-Xewkin kienu jqabbdu għall-lejl tal-festa ta' Qtugħ ir-Ras, tista` tkun tifkira għażiża ta' meta l-pagani ħarqu l-fdal ta' San Ġwann, Sebaste, belt tas-Samarija.